# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

### GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 28 TA' GUNJU, 2002**

**Avviz Nru: 1168/02 AJD.**
**Waterfront Hotel Limited**

**vs**

**Aden Import & Export Company Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Mejju, 2002, fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u tmienja u tmenin Lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm488.63), rappresentanti prezz ta' akkomodazzjoni fil-Waterfront Hotel.

Bl-ispejjes u bl-imghax pagabbli minn Ottubru 2001 kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx

u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Brian Azzopardi, in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' erba' mija u tmienja u tmenin Lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm488.63), bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**